**PRIM’AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta’ Ottubru, 2016**

**Rikors Guramentat Nru: 40/2016 AF**

**Christopher Cassar**

**vs**

**Suzanne Cassar Dimech**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Suzanne Cassar Dimech li permezz tieghu ghar-ragunijiet fih imfissra talbet lil din il-Qorti biex:

1. Tirrevoka ghal kollox, jew f’parti minnu, l-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju Numru 301/2015 fl-ismijiet “Christopher Cassar vs Suzanne Cassar Dimech” ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tordna lil Christopher Cassar ihallas penali li joghgboha tipprefiggi ai termini tal-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk din l-Onorabbli Qorti ma joghgobiex tilqa’ l-ewwel talba attrici, tordna lil Christopher Cassar sabiex jaghti, fi zmien stabbilit minn

dina l-Onorabbli Qorti, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna li, jekk tali garanzija ma tinghatax entro t-terminu akkordat, jitnehha l-mandat.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-twegiba ta' Christopher Cassar li permezz taghha sostna li t-talba ghandha tigi michuda.

Rat l-atti.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet *in camera*.

Jirrizulta illi l-partijiet huma mizzewgin u bdew proceduri ta' separazzjoni. Bejniethom ma tregix il-komunjoni tal-akkwisti li kienet giet eskluza permezz ta' att pubbliku qabel iz-zwieg.

Ir-rikorrenti odjerni ssejjes it-talba taghha fuq l-Art. 836 (1) (d) u (f) li testwalment jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju:

> *"(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*
>
> *(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Il-Qorti tibda biex tenfasizza li fl-ambitu ta' mandat kawtelatorju, il-Qorti hija tenuta tiddetermina jedd li jidher mad-daqqa t'ghajn, b'dana illi jibqa' rizervat ghall-Qorti li tkun qed tisma' l-kawza kull skrutinju profond.

Dan premess, jidher illi Christopher Cassar qieghed isostni illi ghandu jedd bil-valur ta' €500,000 fil-konfront ta' martu. Huwa jghid li dan huwa sehemu mill-assi li jipposjedu

bejniethom. Ma gab ebda hjiel ta' prova dwar dan kollu u lanqas biss deher fil-Qorti ghall-udjenza. Ir-rikorrenti minn naha taghha ippruvat lill-Qorti li d-dar proprjetà taghha, li hija tinsab inibita milli tbiegh minhabba mandat mitlub mill-istess zewgha, tiswa ferm aktar mill-pretensjonijiet li qieghed jaghmel zewgha.

Ghalhekk din il-Qorti tqis illi r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa l-vot tal-ligi fis-sens li wriet li l-mandat ta' sekwestru mhuwiex gustifikat u fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh. Madanakollu, l-Qorti ma ssibx li jezistu l-estremi li jwassluha timponi penali.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka l-mandat ta' sekwestru 301/2015.

L-ispejjez jithallsu minn Christopher Cassar.

IMHALLEF